**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 447/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jean Pierre Farrugia**

Illum, 24 ta' Frar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jean Pierre Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 99382(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-sitta ta' Mejju 2020 għall-ħabta ta' bejn is-siegħa ta' wara nofsinhar u l-erbgħa ta' wara nofsinhar, ġewwa Triq Sant' Agatha, iż-Żurrieq u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:

(1) Għamel lil martu Julie Farrugia, inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(2) Għamel lil uliedu Valentina, Andreas u Sophia, inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Huwa ġie akkuzat ukoll talli fl-istess nhar is-sitta (6) ta' Mejju 2020 u fil-jiem ta' qabel ġewwa l-gzejjer Maltin:

(3) Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lill-istess Julie Farrugia biża' li ser tintuża vjolenza kontriha u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Ottubru 2022, fejn il-Qorti lliberat lil imputat mit-tieni imputazzjoni miġjuba kontrih, u wara li rat l-Artikolu 7, 8, 222(1), 251B(1) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni miġjuba kontrih u kkundanatu għal sena priġunerija illi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għall-perijodu ta' sentejn. *In oltre*, ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti rabtet lill-appellant b'Ordni ta' Protezzjoni għal zmien sentejn għall-protezzjoni ta' Julie Farrugia.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fl-1 ta' Novembru 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie lliberat mit-tieni akkuża;
2. Tirrevoka dik il-parti ta' l-istess sentenza, billi minflok issibu ħati għall-ewwel u t-tielet akkuża miġjuba kontrih, tilliberah minnhom, u għalhekk tilliberah mingħajr ebda kundizzjoni;
3. Jekk din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jidhrilha li m'għandiex tilqa' it-tieni talba, alternattivament, tirriforma l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliġġi piena aktar idonea skond iċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji imqajjma mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel erba' aggravji imressqa 'il quddiem mill-appellant jikkonċernaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fejn in sinteżi jattakka x-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur, ix-xhieda tal-parte ċivile Julie Farrugia, kif ukoll ir-rapport tad-*Domestic Abuse, Stalking and Harassment and Honour Based Violence (DASH, 2009) Risk Identification and Assessment and Management Model* u għalhekk jilmenta li l-imputazzjonijiet dedotti kontrih ma ġewx ippruvati sal grad rikjest mill-Liġi.

Illi, din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tqies jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant u li dwarha instabet ħtija mill-Ewwel Qorti huwa kien mixli li nhar is-sitta ta' Mejju 2020 inġurja u/jew hedded lil martu Julie Farrugia. Minn ezami akkurat tal-Atti Proċesswali, jirriżulta li dan il-każ ra il-bidu tiegħu meta l-parti offiża Julie Farrugia rrappurtat ġewwa l-Għassa tal-Pulizija li kienet saret theddida fuq ħajjitha mill-ex-raġel tagħha Jean Pierre Farrugia, ċioe' l-appellant. Hija irrapurtat li kienet irċeviet messaġġ fuq *Facebook Messenger* mingħand bintha Valentina, meta din ta' l-aħħar kienet ma' missierha waqt il-ħin tal-aċċess, liema messaġġ kien jaqra "*Ma daddy qed jheddidna li ħa joqtlok, kif ukoll qiegħed*

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

*jajjarna bin-nannu"*. Dan kollu, il-parte ċivile reġgħet ikkonfermatu bil-ġurament tagħha meta xehdet *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi, l-appellant jisħaq li l-prova li ressqet il-Prosekuzzjoni dwar din l-allegata theddida li seħħet fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni mhijiex ammissibbli billi hija prova magħmula fuq kliem ħaddieħor (*hearsay evidence*), li lanqas ma kienet ikkonfermata mill-persuna li lilha intqal dan id-diskors. Issa minn eżami tal-atti jirriżulta inkontesat illi t-theddida marbuta mal-ewwel imputazzjoni ma saritx direttament lil parti offiża, iżda kien diskors li allegatament intqal mill-appellant lil bint il-konjugi, Valentina Farrugia. Illi l-minuri qatt ma tressqet mill-Prosekuzzjoni biex tikkonferma illi missierha kien qal dan il-kliem ta' theddid fil-konfront ta' ommha, kif lanqas kien eżebit il-messaġġ li l-parti offiża tgħid li irċeviet minn għand bintha kontenenti din l-informazzjoni.

Illi l-insenjament tramandat fis-sentenza spiss iċċitat ta' "Subramaniam v. Public Prosecutor" fir-rigward tal-hekk imsejjaħ *hearsay evidence* jippostula illi:

> ***Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.***

Illi, dan ifisser li għalkemm din l-evidenza tista' tkun waħda materjali sabiex tkun ippruvata it-tielet imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant dwar ir-reat tal-fastidju, madanakollu l-istess ma jistax jingħad fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u dan għaliex x-xiehda tal-parti offiża fir-rigward tal-kliem li allegatement tenna l-appellant lil bintu fil-konfront tagħha tikkostitwixxi biss prova li hi filfatt irċeviet messaġġ mingħand bintha dwar dan id-diskors, iżda ma hijiex prova li dak id-diskors verament sar. Sabiex il-veraċita' tad-diskors intimidatorju jiġi ppruvat, il-Prosekuzzjoni riedet, kif ġia ingħad aktar 'il fuq, tressaq lil minuri Valentina Farrugia tixhed *viva voce* u li jkun eżebit in atti l-messaġġ li rċeviet il-parti offiża

minn għand bintha u li abbażi tiegħu sar ir-rapport lil pulizija. Ġaladarba allura l-prova imressqa mil-Prosekuzzjoni hija inammissibbli billi mhux ikkonfermata mill-persuna li semgħet id-diskors u li bgħatet il-messaġġ, fejn l-parti offiża kienet infurmata li saret din it-theddia, kif tajjeb jikkontendi l-appellant fl-aggravju minnu ventilat, allura l-Ewwel Qorti erronjament wasslet sabiex issib ħtija għal din l-akkuża kontravvenzjonali.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant kien mijsub ħati ukoll tar-reat imfassal fl-artikolu 251B(1) , u ċioe' li nhar is-sitta ta' Mejju 2020 u fil-jiem ta' qabel ġewwa l-gzejjer Maltin, bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Julie Farrugia biża' li se tintuża vjolenza kontriha.

Illi, minn ezami akkurat tal-atti proċesswali jirriżulta li dakinhar tas-6 ta' Mejju 2020, l-appellant kien ġabar lit-tlett uliedu mir-residenza tal-parte ċivile sabiex jezerċita l-aċċess tiegħu, u hekk kif rikkeb lill-istess tfal fil-vettura tiegħu reġa' mar lura jħabbat fuq il-bieb tar-residenza ta' martu, li fix-xiehda tagħha quddiem l-Ewwel Qorti tistqarr li nissel biża' fiha tant illi hija ma fetħietx il-bieb. Jidher li din il-biża' kienet nibtet fil-parti offiża konsegwenza tal-imġieba tal-appellant li f'okkazzjonijiet preċedenti kien heddidha. Jidher ukoll li din ma kenitx l-ewwel darba li l-appellant kien imur iħabbat mal-bieb għal xejn, ġieli anke fis-siegħat bikrin ta' filgħodu. *In oltre*, l-parti offiża ukoll xehdet dwar diversi istanzi fejn l-appellant kien hedded lilha direttament, bil-kliem:

- *Noqtlok, inqattak biċċiet u nitimak lill-ħut*
- *20 sena barra u 20 sena ġewwa xorta għalija*
- *Niksirlek il-ġewza ta' għonqok*
- *Naqtalek rasek*
- *Mill-kbir sas-zgħir ser ibati*
- *Nirra tieqaflek qalbek, ja ħadra*

Illi, dan l-aġir kontinwu tal-appellant fil-konfront tagħha kien iqanqal fil-parti offiża biża' kbira u darba minnhom kienet saħansitra telqet mir-residenza tagħha u marret

tgħix flimkien mat-tfal ġewwa *shelter*. Xehdet li kienet ukoll għamlet diversi rapporti mal-Pulizija, għalkemm dawn qatt ma kienu eżebiti in atti.

Dan magħdud, madanakollu, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, ma tista' ssib ebda mottiv li jista' iwassalha tiddubita mill-attendibbilita' tax-xiehda tal-parti offiża. *In oltre*, Farrugia tikkonferma dawn l-inċidenti ukoll fir-rapport imħejji dwar "*Domestic Abuse, Stalking and Harassment and Honour Based Violence (Dash, 2009) Risk Identification and Assessment and Management Model*", fejn hemm elenkati numru ta' inċidenti nkwetanti li l-parti offiża stqarret li saru fil-konfront tagħha minn żewġha, liema dokument filfatt ikkonkluda li dan il-kaz kien wieħed "*high risk*". L-appellant jilmenta li tali *assessment* kien wieħed esaġerat u li m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni, pero' dina l-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Dan l-*assessment* huwa propju l-bidu ta' vjaġġ twil fejn l-allegata vittma titkellem dwar l-abbuż li tkun għaddejja minnu u m'għandux jiġi minimizzat bl-ebda mod. Meta jkunu seħħew diversi inċidenti bejn il-partijiet, kif kien il-każ *de quo*, l-istess każ jitqies bħala wieħed ta' riskju għoli u dana sabiex, primarjament, tiġi ssalvagwardjata il-ħajja tal-vittma u ta' kwalunkwe ulied jew qraba li jista' jkollha. Minn hemmhekk imbagħad tiskatta l-investigazzjoni tad-*Domestic Violence Unit* fi ħdan il-Korp tal-Pulizija li eventwalment tixtarr u tinvestiga jekk dak li tkun qalet il-vittma hux minnu *o meno* u tittieħed l-azzjoni kollha neċessarja. Jerġa jingħad li fil-kaz *de quo*, ma jirriżultax li dak li stqarret il-parti offiża dwar il-kliem ta' theddid li l-appellant tenna fil-konfront tagħha m'għandux mis-sewwa, kliem u aġir li jidher li qanqal fiha u anke f'uliedha sens ta' biża', tant illi l-minuri Valentina Farrugia ħasset li kellha tinforma lil ommha dwar id-diskors li kien qed jingħad minn missierha fl-assenza tagħha. Dan iwassal sabiex din l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tinsab moralment konvinta li tirriżulta l-ħtija għat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolati l-ewwel erba' aggravji, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik ta' sena priġunerija sospiża għall-sentejn u l-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għal żmien

sentejn, fejn l-appellant jilmenta li tali piena ma tirriflettix iċ-ċirkostanzi tal-każ u hija eċċessiva.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[2] .

Issa għalkemm l-appellant ser jiġi liberat mill-ewwel imputazzjoni kontravvenzjonali, madanakollu jidher illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' sena priġunerija li kienet sospiża għal sentejn fit-termini ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. hija fil-minimu tagħha għar-reat imfassal fl-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali. Illi din il-piena żdiedet minn dik tal-priġunerijia bejn tlett xhur u sitt xhur għal dik tal-priġunerija bejn sena u sentejn permezz ta'l-Att III tal-2020 promulgat fit-28 ta' Frar 2020, liema emendi fil-piena allura kienu diġa' daħħlu fis-seħħ fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat. Kwindi l-Qorti tqies illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti għandha tibqa' invarjata, b'dan madanakollu illi minflok Ordni ta' Protezzjoni kif imfassal fl-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti ser tissostitwixxi l-istess b'Ordni ta' Trażżin fit-termini ta'l-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, billi kif spiss rilevat minn din il-Qorti l-Ordni ta' Protezzjoni issib applikazzjoni **biss** *pendente lite*.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa *in parte* l-appell imressaq mill-appellant, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

1. **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni dedotta kontrih;**
2. **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih;**
3. **Tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddikjarat lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u minflok tgħaddi sabiex tilliberaħ mill-istess;**

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiża nhar il-25 ta' Awissu 2005.

**4. Tikkonferma il-piena inflitta ta' sena priġunerija illi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ġiet sospiza għall-perijodu ta' sentejn; u**

**5. Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni u minflok tordna il-ħrug ta' Ordni ta' Trazzin għall-protezzjoni ta' Julie Farrugia, għal zmien sentejn mid-data ta' din is-sentenza, u dan ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali.**

**Il-Qorti wissiet lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiva ta' din is-sentenza jew jekk huwa jikser l-Ordni ta' Trażżin imposta fuqu llum.**

**Edwina Grima**

**Imhallef**